MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Illum 13 ta' Jannar, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 985/14LM

**Untours Insurance Agents Limited (C5655)**

**vs**

**X.T.C. Towing Services Limited (C16649)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Untours Insurance Agents Limited (C5655)** ippreżentat fis-7 ta' Novembru, 2014, fejn Ivan Buttigieg in rappreżentanza tagħha kkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra hija talbet li din il-Qorti:

*1. Illi s-soċjetà rikorrenti daħlet fi ftehim mas-soċjetà intimata għal servizz ta' road assistance li kellu jingħata lill-assigurati tas-soċjetà rikorrenti għal żmien ta' sena, liema sena tibda tgħodd mid-data li l-istess assigurati jagħmlu jew iġeddu l-polza tal-assigurazzjoni tagħhom mas-soċjetà rikorrenti;*

*2. Illi tali ftehim inżamm fis-seħħ mill-partijiet għal numru ta' snin b'dan li l-ħlas dovut mis-soċjetà rikorrenti dejjem sar bil-quddiem;*

*3. Illi f'Diċembru 2013 is-soċjetà rikorrenti għamlet l-aħħar pagament lis-soċjetà intimata u konsegwentement l-istess soċjetà intimata kellha l-obbligu legali li tibqa' toffri s-servizz tagħha sa Diċembru 2014 jew skont meta tiskadi s-sena relattiva tal-polza tal-assigurazzjoni tal-assigurat;*

*4. Illi f'dawn l-aħħar xhur is-soċjetà rikorrenti ħarġet sejħa għal offerti relatata ma' tali servizzi, għal liema sejħa s-soċjetà intimata għamlet l-offerta tagħha, però tali tender intrebaħ minn terzi;*

*5. Illl hekk kif is-soċjetà intimata skopriet li t-tender intrebaħ minn terzi, l-istess soċjetà intimata bdiet tirrifjuta li tottempera ruħha mal-obbligi tagħha naxxenti kemm mill-ftehim viġenti kif ukoll abbażi tal-fatt li kien diġà sar ħlas bil-quddiem għas-servizz lill-assigurati li kellhom polza ta' assigurazzjoni valida bejn il-perijodu ta' Diċembru 2013 u Diċembru 2014 b'dan li l-istess soċjetà intimata bdiet tirrifjuta li tagħti s-servizz, jew titlobhom flus addizzjonali għas-servizz meta dan ma kienx dovut stante li l-ħlas għal tali servizz kien diġà sar bil-quddiem, jew tippresta servizz ħażin u mhux professjonali jew tinforma lill-istess assigurati tas-soċjetà rikorrenti li kien ser ikollhom ħin twil u esaġerat ta' stennija sabiex jinqdew jew li m'għandha l-ebda relazzjoni professjonali jew ness mas-soċjetà rikorrenti;*

*6. Illi s-soċjetà rikorrenti rċiviet numru kbir ta' lmenti b'dan li kien hemm numru ta' każijiet fejn sabiex tipprova timminimizza d-danni relatati mal-isem u reputazzjoni tagħha, s-soċjetà rikorrenti ġiet kostretta tirrifondi lura l-flus li l-assigurati tagħha ġew mitluba jħallsu mis-soċjetà intimata;*

*7. Illi s-soċjetà rikorrenti sofriet danni inġenti kawża tal-aġir tas-soċjetà intimata iżda interpellata sabiex tirrimedja l-aġir tagħha, l-istess soċjetà intimata baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:*

1. *tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjetà intimata naqset milli tottempera ruħha mal-obbligi tagħha naxxenti mill-ftehim viġenti bejn il-partijiet;*

2. *tikkundanna lis-soċjetà intimata tirrifondi lis-soċjetà rikorrenti l-ammonti kollha mħallsa minnha lill-assigurati tagħha għal servizz mogħti mis-soċjetà intimata u li dwaru l-istess soċjetà intimata kienet diġà tħallset;*

3. *tiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti;*

4. *tillikwida l-imsemmija danni prevja n-nomina ta' periti fejn meħtieġ;*

5. *tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*B'riżerva għal kull azzjoni fil-liġi u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-20 ta' Marzu 2014 u tal-mandat numru …..*

Illi s-soċjetà konvenuta **X.T.C. Towing Services Limited (C16649)** għalkemm debitament notifikata la wieġbet għar-rikors ġuramentat u lanqas dehret għall-ewwel udjenza tal-15 ta' Diċembru 2014 u għalhekk ġiet iddikjarata kontumaċi.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat l-affidavit (fol. 14 et seq.) tal-**Avukat Dr. Byron Camilleri**, impjegat tas-soċjetà attriċi. Wara li kkonferma l-fatti ddikjarati fir-rikors ġuramentat, ix-xhud żied jgħid li Jesmond Pulis, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta beda jirrifjuta li jagħti s-servizz li kien tħallas għalih bil-quddiem minħabba li skont hu l-prezz kien wieħed redikolu. Dan ix-xhud stqarr ukoll li:

(i) matul l-2013, is-soċjetà attriċi ħallset lis-soċjetà konvenuta total ta' **€71,672.10** permezz ta' cheques (Dok. A, a fol. 20 sa 31);

(ii) is-soċjetà attriċi qabbdet lil terza persuna biex tagħti s-servizz li suppost kienet qed tipprovdi s-soċjetà konvenuta u ħallsitha ta' dan is-servizz;

(iii) is-soċjetà attriċi sofriet ħsara għar-reputazzjoni tagħha meta s-soċjetà konvenuta jew ma kinitx tagħti s-servizz, jew tagħtih ħażin, jew titħallas extra għalih mingħand il-klijenti assigurati mas-soċjetà attriċi, liema ħlas is-soċjetà attriċi kienet tirrifondi u dan biex timminimizza din il-ħsara, għalkemm xorta waħda għadd ta' assigurati ma ġeddewx

il-polza għax ħassewhom migduma mis-servizz tat-towing jew in-nuqqas tiegħu.

Rat l-affidavit (fol. 32) ta' **Ivan V. Buttigieg**, direttur u chief executive officer tas-soċjetà attriċi li kkorrobora l-fatti kif esposti fir-Rikors Maħluf u l-affidavit ta' Dr. Byron Camilleri u esebixxa dawn id-dokumenti:

(i) l-ilmenti tal-assigurati (Dok IB-1 a fol.36 sa fol.81);

(ii) dokumenti li juru l-ħlas doppju minn April 2014 sa Diċembru 2014 lill-kumpannija terza li kellha tiġi mqabbda, b'total ta' **€19,522.88.** (Dok IB-2 a fol. 82 sa fol.543);

(iii) flus rifużi lill-assigurati wara li ntalbu jħallsu indebitament mis-soċjetà konvenuta (Dok A1 sa A29); total: **€1500;**

(iv) telf ta' xogħol (Dok IB-3 a fol 544 sa fol 562); total: **€15,143.84.**

Fl-istess affidavit, ix-xhud spjega li ħareġ l-espressjoni ta' interess f'Jannar 2013 u dan peress illi s-soċjetà attriċi kienet diġà qiegħda tirċievi ħafna lmenti minħabba nuqqas ta' servizz tajjeb mis-soċjetà konvenuta fil-perijodi kuntrattwali preċedenti u dak kurrenti.

Rat il-kopja tal-kuntratt ma' Towzone Ltd esibita (fol 567, 569) u ħadet konjizzjoni tad-depożizzjoni ta' Arthur Tonna rappreżentant tal-istess soċjetà li kkonferma l-ħlas fuq imsemmi ta' **€19,522.88**.

Rat il-verbal tas-17 ta' Ġunju 2015 li permezz tiegħu is-soċjetà konvenuta ngħatat il-fakultà li tippreżenta nota tal-osservazzjoni sal-aħħar ta' Lulju li iżda qatt ma ġiet ippreżentata.

Rat il-verbal fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2015 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Skont l-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni". M'hemmx dubju li s-soċjetà attriċi ippruvat, mhux biss permezz ta' depożizzjonijiet ta' uffiċjali tagħha imma wkoll permezz ta' dokumenti dettaljati, li s-soċjetà konvenuta m'adempietx l-obbligazzjoni tagħha mingħajr ma din ġabet l-ebda raġuni valida fil-liġi għal dan in-nuqqas. Anzi pjuttost għamlitha ċara li n-nuqqas tagħha li tonora l-obbligi kuntrattwali kien motivat minn tpattija lis-soċjetà attriċi talli ma kinitx sejra ġġeddilha l-kuntratt u għalhekk is-soċjetà konvenuta kienet saħansitra *in mala fede*.

Is-soċjetà konvenuta hija għalhekk passibbli għad-danni minħabba li naqset li tesegwixxi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tagħha (l-Artikolu 1133 tal-Kodiċi Ċivili), sew danni li jikkonsistu fit-"telf li jkun bata" il-kreditur *(damnum emergens)* kif ukoll "il-qliegħ li jkun ġie mtellef" *(lucrum cessans)* (l-Artikolu

1135 tal-Kodiċi Ċivili). Meta l-għemil ikun doluż, fid-danni dwar it-telf li jkun bata l-kreditur u l-qliegħ li hu jkun ġie mtellef, għandhom jidħlu mhux biss dawk id-danni li d-debitur basar jew seta' jobsor fiż-żmien tal-obbligazzjoni (l-Artikolu 1136 tal-Kodiċi Ċivili) imma wkoll id-danni kollha li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tal-obbligazzjoni" (l-Artikolu 1137 tal-Kodiċi Ċivili).

F'kumment fuq artikolu tal-Kodiċi Taljan korrispondenti għall-Artikolu 1136 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, Guido Capozzi (*Le Obbligazioni,* 2008, it-tieni edizzjoni, lezzjonijiet tiegħu miġburin minn Chiara Nobili, paġna 129) jgħallem li:

> "*Quando l'inadempimento è colposo, l'obbligo del risarcimento è sottoposto ad un ulteriore limite in quanto, ai sensi dell'art. 1125, si estende ai soli danni che potevano prevedersi al tempo in cui è sorta l'obbligazione; se invece ha agito con dolo, cioè la cosciente volontà di violare l'obbligo, dovrà risarcire anche i danni imprevisti ed imprevedibili, sempre nei limiti delle conseguenze dirette – v. Trabucchi, Istituzioni di diritto civile, Padova, 2005, p.689."*

L-inadempiment jidher li beda flimkien mal-bidu tat-terminu tal-obbligazzjoni u ċjoè f'Jannar 2013 għaliex kien f'dan l-istess xahar li s-soċjetà attriċi ħarġet l-*expression of interest*; il-kuntratt sussegwenti inħareġ favur terzi, u s-soċjetà konvenuta bdiet tirritalja kif ġjà ġie spjegat. Id-danni subiti mis-soċjetà attriċi huma dawn:

| | |
|---|---|
| Ħlas bil-quddiem mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta: | €71,672.10 |
| Flus rifużi mis-soċjetà attriċi lill-assigurati tagħha: | €1,500.00 |

Telf ta' xogħol: €15,143.84

---------------------------------------------------------------------------------------------

**Total: €88,315.94**

L-ammont ta' **€19,522.88** imħallas lil Towzone Limited m'għandux jiġi magħdud ma' dan l-ammont għaliex għalkemm s'issa s-soċjetà attriċi ħallsitu doppjament, ma jibqax hekk il-każ jekk jiġi rifuż l-ammont ta' €88,315.94 mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi.

<u>**Decide**</u>

**In vista tas-suespost, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi**

1. **tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset milli tottempera ruħha mal-obbligi tagħha naxxenti mill-ftehim viġenti bejn il-partijiet;**
2. **tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tirrifondi €1,500.00 lis-soċjetà attriċi l-ammont totali mħallas minnha lill-assigurati tagħha għal servizz mogħti mis-soċjetà konvenuta u li dwaru l-istess soċjetà konvenuta kienet diġà tħallset mis-soċjetà attriċi;**

3. **tilqa' t-tielet talba billi tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni l-oħrajn sofferti mis-soċjetà attriċi;**
4. **tilqa' r-raba talba billi tillikwida d-danni msemmija f'paragrafu 3 fis-somma ta' €86,815.94;**
5. **tilqa' l-ħames talba billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi d-danni likwidati fis-somma ta' €86,815.94.**

**Bl-imgħax legali fuq is-somma globali likwidata bħala danni ta' €88,315.94 mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv. Spejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Marzu 2014 a kariku tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.

--------------------TMIEM---------------------